# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA, LL.D

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Dicembru, 2021

**<u>Rikors nru: 225/15 AGV ;</u>**

**AB**

**vs**

**CB**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tal-attur datat 12 ta' Ottubru elfejn u hmistax fejn espona bir-rispett u ssottometta dan li gej bil-gurament:-

1. Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta (6) ta' Gunju, elfejn u ghaxra (2010), dan kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, u cioe' D ta' tlett (3) snin u EF ta' sentejn (2) u dana kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid rispettivi hawn annessi u mmarkati Dok 'B' u 'C'.

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-konjugi B ma ghadhiex aktar possibli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi da parti tal-konvenuta, kif ukoll minhabba ragunijiet ohrajn li huma unikament imputabbli lill-intimata u wkoll minhabba inkompatibilita' ta' karattru b'tali mod li z-zwieg tfarrak b'mod irrimedjabbli.

4. Illi d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tal-istess esponenti skond ma jirrizulta mill-kuntratt t'akkwist hawn anness u mmarkat Dok 'D'.

5. Illi kienu saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja, inkluz bil-proceduri tal-medjazzjoni, izda dawn minghajr ma kien hemm ebda ezitu pozittiv.

6. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja l-firda personali *a mensa et thoro* bejn ir-rikorrenti u martu CB ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

2. Tawtorizza lill-istess AB illi jghix seperatament mill-intimata martu.

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri D u EF ahwa B ulied ir-rikorrenti u l-imsemmija martu intimata tigi fdata esklussivament f'idejn ir-rikorrenti AB.

4. Tillikwida u tordna l-intimata thallas manteniment xieraq ghall-bzonnijiet ta’ l-ulied minuri D u EF ahwa B  skond il-modalitajiet li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

5. Tapplika interament jew in parti kontra l-istess intimata d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili.

6. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti jigu, salv ghal dak li jinsab provdut taht l-artikoli surreferiti, maqsuma f’zewg porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-esponenti u l-ohra lill-istess intimata billi, okkrrendo ghall-finijiet ta’ dina t-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjon, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. Tordna illi d-dar matrimonjali in kwantu proprjeta’ parafernali tal-istess esponenti tigi assenjata lill-istess esponenti flimkien mal-uzu u abitazzjoni fl-istess flimkien ma’ uliedu minuri u dan ghad-eskluzjoni tal-intimata.

8. Tawtorizza lir-rikorrenti li jirregistra, ossia li jnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-medjazzjoni u tal-proceduri kollha relattivi ghal din il-firda personali kontra l-intimata minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ukoll ir-Risposta tal-konvenuta datata 15 ta' Dicembru elfejn u hmistax fejn esponiet bir-rispett u ssottomettiet dan li gej bil-gurament:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi milqugha in kwantu ghall-pronunzjament ta' separazzjoni personali, izda michuda in kwantu ghall-attribuzzjoni ta' htija lill-eccipjenti u dan minhabba li l-htija tat-tifrik taz-zwieg hija attriwibbli biss lill-attur.

2. Illi m'hemm l-ebda ogezzjoni ghat-tieni talba.

3. Illi t-tielet talba qed tigi opposta u ghandha tigi michuda u dan minhabba illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja esklussiva taghhom fdata esklussivament f'idejn l-eccipjenti CB u dan kif ser jigu pruvat tul il-kawza.

4. Illi filwaqt illi hemm qbil illi ghandu jigi likwidat manteniment ghall-minuri ulied il-partijiet, it-talba li l-eccipjenti ghandha thallas din is-somma ghandha tigi michuda u dan minhabba li ghandu jkun l-attur li ghandu jigi ordnat ihallas l-istess manteniment lill-konvenuta ghall-bzonnijiet tal-minuri.

5. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda minhabba li l-eccipjent ma rrendiet ruha hatja ta' l-ebda komportament li jimmerita l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi s-sitt talba ghandha tigi milqugha in kwantu ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwist.

7. Illi hemm qbil illi d-dar matrimonjali hija proprjeta parafernali tal-attur u ghalhekk m'hemm l-ebda lok ghal assenjazzjoni jew kostituzzjoni ta' dritt ta' uzu u abitazzjoni favur l-attur.

8. Illi t-tmien talba mhijiex opposta.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li dina l-kawza mixja ma' kawza ohra fl-ismijiet inversi **CB vs AB Rikors Numru. 191/15,** li ser tigi deciza llum u ghalhekk il-konsiderazzjonijiet maghmula f'wahda ser japplikaw ghal din il-kawza.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sentenza tal-25 ta' Mejju, 2017 fejn il-Qorti xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti.[1]

Rat ir-Rapport tal-Avukat tat-tfal Dr.Stephanie Galea.[2]

---

[1] Fol. 350 tal-process

[2] Fol 677

Rat in-nota kongunta datata 12 ta' Frar, 2019, fejn il-partijiet kienu qablu dwar modalita' ta' access versu l-minuri.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi :-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in parte u dan peress li zzomm kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut responsabbli ghas-separazzjoni minhabba sevizzi u eccessi;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici in parte u dan peress li l-kura u kustodja ghandha tkun wahda konguntiva, filwaqt li l-access ghandu jigi ezercitat skond kif deciz iktar 'l fuq;

4. Tiffissa r-retta alimentari li l-attur ghandu jhallas fis-somma ta' €200 ghal kull wild, u dan jinkludi fih sehem l-attur ghall-ispejjez edukattivi u tas-sahha.

5. Tichad il-hames talba attrici.

6. Tilqa' s-sitt talba attrici u tillikwida u tassenja l-komunjoni, kif deciz iktar 'l fuq.

7. Tilqa' s-seba' talba attrici.

8. Tilqa' t-tmien talba attrici.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet.

Cettina Gauci

**Onor. Imhallef Anthony G. Vella** **Deputat Registratur**